MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**GRAZIELLA BEZZINA**

Seduta ta' l-14 ta' Dicembru, 2010

Talba Numru. 19/2009

**Carmen Le Gros pro et noe**
**I.D.740145 (M)**

**vs**

**Anthony Saliba**
**I.D. 841334 (M)**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviz tat-talba li permezz tieghu l-attrici talbet lill-konvenut il-hlas tas-somma ta’ tmien mija u sitt Ewro u sitta u ghoxrin centezmu (€806.26c), rapprezentanti l-ammont ta’ mija u hamsin Ewro u seba’ centezmi (€150.07c) hlas lill-Pulizija ghall-asistenza taghhom, mitt Ewro (€100) ghat-tnehhija ta’ materjal (plastik etc) u l-ammont ta’ hames mija u sitta u hamsin Ewro u dsatax il-centezmu (€556.19c) bhala spejjez inkorsi mir-rikorrenti sabiex jaccedu fil-fond tal-konvenut u jghamlu dawk ix-xoghlijiet necessarji sabiex ikun possibbli ghar-rikorrenti li

jibnu fi hwejjighom u dan hekk kif sanzjonat permezz tas-sentenza tal-Qorti Civili fl-ismijiet, ***Rose Saliba et vs Anthony Saliba*** (**Citaz. No. 834/1999 JRM**) deciza kontra l-konvenut fl-24 ta' Gunju, 2004.

Ra r-risposta tal-konvenut, li permezz taghha ddikjara illi t-talba hija infondata fil-fatt u fid-dritt, peress li dak li hemm allegat mhux minnu barra li hu esagerat.

Semgha x-xhieda tal-partijiet, u tax-xhieda l-ohra mressqa minnhom, u ha konjizzjoni tad-dokumenti esebiti minnhom.

Ra u ha konjizzjoni tan-noti ta' sottomissjonijiet li gew pprezentati mill-partijiet.

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet irrizulta illi fl-24 ta' Gunju, 2004 l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili tat sentenza fl-atti tal-kawza fl-ismijiet ***Rosa Saliba noe et vs Anthony Saliba (Cit. No. 834/99 JRM)*** li permezz taghha ordnat illi l-konvenut f'dik il-kawza, li huwa l-istess konvenut f'din il-kawza, sabiex fi zmien xahrejn mid-data tas-sentenza u taht id-direzzjoni tal-Perit Tekniku indikat fl-istess sentenza, inehhi a spejjez tieghu dawk il-benefikati li jinsabu fil-bitha tieghu sottoposta ghall-gid tal-atturi fil-fond ***20/4, Triq il-Professur Anton Tabone, Birzebbugia***, u dan kif imfissra fir-Relazzjoni Peritali formanti parti mill-atti tal-kawza, u dan sabiex ikunu jistghu jigu mwettqa x-xoghlijiet ta' zvilupp mitluba mill-atturi fil-propjeta' taghhom stess, u dan kif miftiehem fil-kuntratt ta' qasma tat-28 ta' Frar, 1944.

Illi in forza tal-istess sentenza, l-atturi gew awtorizzati sabiex iwettqu huma stess dawk ix-xoghlijiet indikati fir-Relazzjoni Peritali, kemm-il darba dawn ma jsirux mill-konvenut.

Illi mill-atti processwali jirrizulta illi l-attrici bghatet bosta ittri legali lill-konvenut sabiex fl-ewwel lok inehhi dawk il-benefikati li gie odnat li jnehhi in forza tal-istess sentenza,

u fit-tieni lok sabiex l-attrici tinghata access mill-fond proprjeta' tieghu bil-ghan illi persuni inkarigati minnha jwettqu x-xoghlijiet li kien mehtieg li jsir, u fost ohrajn, il-konvenut ikkonferma li rcieva – u dan anke billi pprezenta kopja taghhom hu stess – l-ittri mibghuta lilu datati 5 ta' Dicembru, 2005, ittra datata 2 ta' Frar, 2006, u ittra ufficjali datata 14 ta' Lulju, 2006. Illi apparti dawn l-ittri, l-attrici pprezentat kopja wkoll ta' ittri indirizzati lill-konvenut datati 27 ta' Marzu, 2006, 19 ta' April, 2006 u 21 ta' Novembru, 2008.

Illi oltre dawn l-ittri, l-Espert Tekniku nominat in forza tal-istess sentenza mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, bghatt diversi ittri lill-konvenut datati 12 ta' Gunju, 2006, 19 ta' Jannar, 2007 u 25 ta' Lulju, 2007, dejjem in konnessjoni mal-ezekuzzjoni tal-istess sentenza, u cioe' sabiex jivverifika illi saru x-xoghlijiet kif stipulat u ordnat in forza tal-istess sentenza, il-konvenut ikkonferma li rcieva l-ewwel u t-tielet ittri mibghuta mill-Espert Tekniku.

Illi oltre dan, jirrizulta wkoll mill-atti illi l-attrici ntavolat wkoll minn tal-inqas zewg rikorsi fl-atti tal-kawza quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili wara li nghatat is-sentenza, datati 7 ta' Frar, 2006 u 13 ta' Frar, 2008, u dan dejjem in konnessjoni mal-kwistjoni illi l-atturi kienu jehtiegu li jinghataw access mill-proprjeta' tal-konvenut sabiex ikunu jistghu jwettqu x-xoghlijiet indikati fl-istess sentenza.

Illi ra x-xhieda moghtija mill-attrici, kif ukoll l-affidavit ta' zewgha Anthony Le Gros.

Illi ra d-deposizzjoni moghtija mill-Espert Tekniku li kien gie nominat mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, il-Perit Arkitett Godwin Abela, li ddikjara illi saru minn tal-inqas tliet (3) tentattivi sabiex jaccedi fil-fond tal-konvenut, izda kien biss bl-intervent tal-Pulizija illi eventwalment dahal fil-fond proprjeta' tal-istess konvenut.

Ra x-xhieda moghtija minn ***PS 850*** li wkoll jsostni illi l-haddiema inkarigati mill-attrici dahlu fil-fond tal-konvenut

wara li l-istess Ufficjal ikkonvinca lill-konvenut jghatihom access ghall-proprjeta' tieghu. Dan rega' sostnih in kontro-ezami, fejn iddikjara illi ghall-ewwel il-konvenut irrifjuta illi jaghti access lill-attrici, jew persuni inkarigati minnha, izda wara li spjegalu l-ordni moghtija mill-Qorti, huwa accetta li dan isir, u ma kien hemm ebda problemi ohra f'dan ir-rigward.

Ra d-deposizzjoni moghtija mill-konvenut bil-mezz tal-affidavit fejn iddikjara illi wara li nghatat is-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, hu nehha s-saqaf tal-plastic u l-bieb tal-aluminium, u dan ghamlu f'Lulju, 2004. L-istess konvenut iddikjara illi l-attrici avvicinatu fil-15 ta' April, 2008 sabiex jaghti access ghall-fond ***20/3, Triq Profs. Anton Tabone, Birzebbugia***, izda dan ma accettax ghaliex allegatament kellu struzzjonijiet illi jekk ma jkunx prezenti l-Perit nominat mill-Qorti, ma jhalli l-hadd jidhol. Jghid illi l-Ispettur avzah illi fil-21 ta' Lulju, 2008 ghandu jsir ix-xoghol, u dan fuq ordni tal-Qorti, u hawn gie informat – u muri – rikors datat 13 ta' Frar, 2008, u li permezz ta'digriet moghti mill-Qorti, il-bieb tal-proprjeta' tieghu seta' jigi zgassat.

Iddikjara illi fil-21 ta' Lulju, 2008, il-post in kwistjoni fethu hu minn jeddu sabiex setghu jidhlu jahdmu il-persuni inkarigati mill-attrici. Iddikjara wkoll illi f'Ottubru ra lil Anthony Le Gros inehhi s-saqaf tal-plastic.

Illi ra d-deposizzjoni moghtija mill-Ispettur Arthur Mercieca fejn iddikjara illi ta struzzjonijiet lill-Pulizija tal-Ghassa ta' Birzebbugia sabiex javzaw lill-konvenut illi kien hemm il-htiega li jaghti access mill-proprjeta' tieghu lill-attrici sabiex taghmel xoghlijiet fil-proprjeta' taghha. L-Ispettur xehed ukoll illi nghata risposta li l-konvenut ma kellux oggezzjoni ghal dan, madanakollu, issuggerixxa illi jintbaght Ufficjal tal-Pulizija fuq il-post sabiex jara li ma jkunx hemm ksur ta' buon ordni u tinzamm il-paci pubblika. Iddikjara wkoll illi kien issugerixxa li jkun hemm Ufficjal tal-Pulizija stazzjonat fil-post fejn kienu ser isiru x-xoghlijiet ghaliex gie informat illi l-konvenut kien qed jirrifjuta li jaghti access lill-attrici mill-fond proprjeta' tieghu. Jghid ukoll illi meta l-konvenut gie informat bid-digriet tal-

Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili, hu ikkopera mal-Pulizija u halla l-access isir.

Ikkunsidra:

Illi jehtieg li t-Tribunal jistabilixxi fl-ewwel lok jekk l-attrici ghandhiex dritt ghal rizarciment tal-ispejjez extra-gudizzjarji inkorsi minnha b’segwitu tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili, u dan sabiex effettivament tigi ezegwita l-istess s-sentenza. Illi kif gie ritenut mill-Onorabbli Qorti tal-Appell fil-kawza fl-ismijiet **Spiridione Fenech vs Noel Agius et, deciza fit-12 ta’ Dicembru 2008, “** *(1) Bla dubju, wiehed mir-rekwiziti essenzjali ta’ sentenza hi l-ezekuzzjoni taghha skond it-termini tal-qaghda guridika accertata minn tribunal jew qorti ghaf-favur ta’ xi parti fil-kawza. Hu allura mistenni illi dik l-ezekuzzjoni tigi kompjuta fi zmien ragjonevoli skond il-kontenut, u fil-limiti, tal-provvediment moghti fil-gudizzju; (2) Bla dubju wkoll, dejjem ghall-iskop ta’ l-ezekuzzjoni tas-sentenza, id-dritt hu cert mhux biss meta l-kontenut tieghu hu, precizament, determinat imma wkoll fejn dan ikun facilment determinabbli. Tali ezercizzju, ovvjament, jirrikjedi l-interpretazzjoni tas-sentenza;***”**

**Illi mill-provi mressqa mil-partijiet irrizulta illi, ghalkemm permezz tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili l-konvenut inghata xahrejn sabiex inehhi l-benefikati li kien hemm fil-fond tieghu sabiex l-attrici imbaghad setghet twettaq ix-xoghlijiet fil-fond proprjeta’ taghha, fir-realta’ l-istess konvenut inghata ferm aktar zmien sabiex jaghmel dawn ix-xoghlijiet, ghaliex l-ewwl ittra legali li ntbaghtet mill-attrici b’segwitu tas-sentenza kienet fil-5 ta’ Dicembru 2005. Illi ghalhekk il-konvenut inghata zmien sufficjenti u ampju ferm sabiex iwettaq ix-xoghlijiet li kien mehtieg li jaghmel.**

Illi mill-provi mressqa mill-partijiet, partikolarment fid-dawl tad-deposizzjoni moghtija mill-Perit Arkitett Godwin Abela, li gie nominat mill-Qorti sabiex jaccerta illi x-xoghlijiet gew imwettqa in konformita’ mal-istess sentenza, irrizulta illi l-konvenut ma kienx qed jikkopera ghal kollox mad-direttivi

li nghataw lilu mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili permezz tas-sentenza taghha, u fil-fatt l-attrici ma nghatatx access mill-ewwel mill-fond tal-konvenut, kif kien mehtieg li jsir, sabiex tkun tista' twettaq ix-xoghlijiet mehtiega; fil-fatt anke l-istess Perit gie kostrett li jibghat diversi ittri lill-konvenut. Illi fil-kopji tal-ittri li gewipprezentati mill-konvenut stess (u li jinsabu *a fol.* 86 u 90 tal-process), jirrizulta illi l-Perit ta lill-konvenut zewg appuntamenti, wiehed fit-28 ta' Gunju 2006 u iehor fid-9 ta' Frar 2009 sabiex jaccedi fil-fond proprjeta' tal-konvenut, sabiex jkunu jista' jivverifika xi zvilupp kien sar.

Illi fil-fehma tat-Tribunal, it-trapass ta' zmien minn meta nghatat is-sentenza fl-24 ta' Gunju, 2004 sakemm efettivament l-attrici, jew persuni inkarigati minnha, nghataw access sabiex isiru x-xoghlijiet mehtiega – u cioe' fl-21 u 22 ta' Lulju, 2008 – huwa indikattiv illi kien hemm nuqqas ta' koperazzjoni mill-konvenut sabiex ikun hemm ezekuzzjoni kif mehtieg ta' dak stipulat u ordnat fis-sentenza tal-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili. Illi ghalhekk dan it-Tribunal iqis it-talba tal-attrici bhala fondata f'dak li jirrigwarda t-talba taghha ghar-rizarciment ta' spejjez inkorsi minnha sabiex tottjeni l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Prim' Awla tal-Qorti Civili.

Illi f'dak li jirrigwarda s-sottomissjoni sollevata mill-konvenut dwar in-nuqqas ta' integrita' tal-gudizzju, stante illi l-azzjoni giet proposta minn wahda biss mill-atturi u mhux mill-atturi kollha li kienu pproponew l-azzjoni quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili, it-Tribunal qed iqis tali eccezzjoni bhala infondata, u dan ghal zewg ragunijiet. Illi fl-ewwel lok jidher illi l-attrici ressqet din l-azzjoni f'isimha kif ukoll f'isem il-persuni l-ohra kollha li kienu dehru fl-azzjoni quddiem l-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili. Illi oltre dan, u fit-tieni lok, ladarba din l-azzjoni hija ghal refuzjoni ta' spejjez inkorsi minn parti intertessata, m'hemmx il-htiega illi jirrizulta illi l-azzjoni qed tigi proposta mill-persuni kollha li dehru fil-kawza principali, izda li l-persuna li qed tipproponi din l-azzjoni ghandha l-interess guridiku mehtieg sabiex tipproponi l-kawza odjerna. Illi fil-fehma tat-Tribunal, dan l-interess guridiku tal-attrici, f'isimha u ghan-nom tal-atturi l-ohra,

irrizulta sodisfacentement ipprovat ghaliex ikkonfermat illi effettivament hallset ghall-ispejjez li qed titlob rizarciment taghhom minghand il-konvenut.

Madanakollu, dan it-Tribunal ser jghaddi sabiex jistharreg jekk l-ammont mitlub mill-attrici hux kollu kemm hu gustifikat u dovut. Illi fil-fehma tat-Tribunal, f’dak li jirrigwarda l-ammont imhallas mill-attrici lill-Ufficjal tal-Pulizija sabiex ikun stazzjonat fil-post fejn kienu ser jigu mwettqa x-xoghlijiet, u cioe’ l-ammont ta’ mija u hamsin Ewro u seba’ (€ 150.07c), dan l-ammont huwa gustifikat dovut, u ghalhekk l-attrici ghandha tinghata refuzjoni tieghu minghand il-konvenut.

Illi f’dak li jirrigwarda l-ammont reklamat bhala mhallas lil Anthony Le Gros talli qala xi *sheets tal-plastic, u dan fl-ammont ta’ mit Ewro (€100.00), it-Tribunal ma jqisx tali ammont bhala dovut, ghaliex ma jirrizultax sodisfacentement mill-atti illi tali ammont effettivament thallas lil Anthony Le Gros mill-persuni indikati fir-ricevuta a fol. 37 tal-process, oltre l-attrici, li hija l-mara tieghu stess.*

*Illi f’dak li jirrigwarda l-kumplament tal-ammont, u cioe’ hames mija u sitta u hamsin Ewro u dsatax il-centezmu (€556.19c), li jidher li jikkomprendu l-ispejjez ta’ l-ittri legali, kif ukoll spejjez ohra konnessi ma’ servizzi li rrenda l-konsulent legali tal-atturi sabiex jaccerta illi jkun hemm l-ezekuzzjoni tas-sentenza tal-Onorabbli Prim’ Awla tal-Qorti Civili, it-Tribunal huwa tal-fehma illi huwa dovut in parte, u dan kif ser jigi spjegat. Illi f’dak li jirrigwarda accessi fil-fond tal-konvenut, jidher illi saru diversi tentattivi mill-Espert Tekniku sabiex jaccedi gewwa l-fond tal-konvenut, u mid-deposizzjoni li ta, jirrizulta illi saru minn tal-inqas tliet (3) tentattivi. L-istess Espert Tekniku kkonferma illi f’dawn l-okkazjonijiet kien hemm prezenti wkoll il-konsulent legali tal-attrici. Illi b’applikazzjoni tat-Tariffa E, Punt 9, fi Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta’ Malta, d-dritt pagabbli lill-konsulent legali ghall-presenza tieghu ghal tali accessi ghandu jkun bir-rata ta’ sebgha u ghoxrin Ewro u hamsa u disghin centezmu (€27.95c) kull darba. Illi ghalhekk f’dan ir-rigward huwa dovut l-ammont*

*ta' tlieta u tmenien Ewro u hamsa u tmenien centezmu (€83.85c).*

*Illi b'referenza ghaz-zewg rikorsi intavolati mill-attrici fl-atti tal-kawza principali, b'applikazzjoni tat-Tariffa A, Punt 7 fi Skeda A tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta, ghandha tigi applikata r-rata ta' hdax-il Ewro u sitta u hamsin centezmu (€11.65c) ghal kull rikors, ghal total ta' tlieta u ghoxrin Ewro u tletin centezmu (€23.30c).*

*Illi f'dak li jirrigwarda l-korrispondenza, ossia ittri legali interpellatorji, li ntbaghtu lill-konvenut, u tenut kont li l-konvenut ikkonferma li rcieva minn tal-inqas tnejn (2) minn dawn, oltre l-ittra ufficjali, it-Tribunal huwa tal-fehma illi l-attrici hija gustifikata li titlob rizarciment ghall-ispejjez ta' tali ittri, li b'kollox jammontaw ghal hamsa (5); it-Tribunal huwa tal-fehma illi ghal tali ittri ghandha tigi applikata t-tariffa ta' erbghin Ewro (€40.00) kull ittra, u ghalhekk ghal total ta' mittejn Ewro (€200.00).*

Illi ghalhekk, fil-fehma tat-Tribunal, l-attrici ghandha tigi kkumpensata ghall-ispejjez extra-gudizzjarji inkorsi minnha in ezekuzzjoni tas-sentenza moghtija mill-Onorabbli Prim' Awla tal-Qorti Civili fl-ammont globali ta' erba' mija u sebgha u hamsin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€457.22c).

Ghaldaqstant, peress illi t-talba tal-attrici tirrizulta gustifikata u ppruvata *in parte*, filwaqt illi t-Tribunal jichad l-eccezjoni tal-konvenut, jilqa' *in parte* t-talba tal-attrici u jikkundanna lill-konvenut ihallas lill-attrici s-somma ta' erba' mija sebgha u hamsin Ewro u tnejn u ghoxrin centezmu (€457.22c), bl-imghax mid-data ta' din is-sentenza.

L-ispejjez ta' din il-kawza ghandhom jigu sopportati mill-konvenut.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------